# Meta l-Ġiljaniżi telqu l-Ħanżira l-Baħar

***Il-Professur jimraħ fil-paġni ta' l-istorja ta' mitt sena ilu u jara kif il-Ġiljaniżi kienu jiċċelebraw il-festa ta' San Ġiljan u festi oħra.***

Prof. Stanley Fiorini

Għal San Ġiljan, is-snin ta' meta qaleb is-Seklu Għoxrin kienu snin mimlija ħajja ġdida. Il-popolazzjoni kienet ħadet spinta kbira 'l quddiem biex minn xi 250 ruħ residenti fl-1849 qabżet għal madwar 2000 residenti permanenti b'xi 1000 ruħ oħra jiġu għall-villeġġjatura fis-sajf lejn tmiem is-Seklu Dsatax. In-numru ta' djar kien ilaħħaq mas-sitt mija. It-toroq kif nafuhom illum - Tal-Kirxa, Lapsi, Sant'Anġlu, San Elija, il-Karmnu, u Triq Birkirkara



***L-istatwa titulari ta' San Ġiljan kif kienet oriġinarjament bil-pedestall l-antik.***

- kienu diġa` stabbiliti. Servizzi essenzjali tad-dawl, l-ilma u d-drenaġġ kienu bdew jitqiegħdu, u l-mezzi tat-trasport pubbliku, kemm bl-art (bħan-nemnebus) u kemm bil-baħar (bħal-lanċa, l-aktar fis-sajf), kienu bdew jitħaddmu kummerċjalment biex jgħaqqdu 'l San Ġiljan mal-bqija tal-gżira biex jitħaffef iċ-ċaqliq tal-poplu.

Bini importanti bħall-kumpless Spinola, il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u l-Knisja tal-Karmnu kienu mwaqqfa diġà u oħrajn kienu fil-proċess li jsiru, bħall-Kulleġġ tas-*Sacred Heart*, l-Isptar Zammit Clapp, biex ma nsemmux it-tkabbir tal-Knisja ta' Lapsi. Kollox wassal biex din il-knisja tiġi ddikjarata parroċċa indipendenti u tinfatam mill-Matriċi ta' Birkirkara fl-1891. Ftit wara l-mewt tal-maħbub l-ewwel Kappillan Dun Ġużepp Xerri, fl-1897, laħaq kappillan qassis żagħżugħ minn ulied il-Parroċċa stess, Dun Ġiljan Zammit. Kien żmien ta' ewforija għall-popolazzjoni Ġiljaniża, b'ħafna avvenimenti importanti jseħħu kollha f'daqqa. San Ġiljan beda jsib l-identità ġdida tiegħu bħal tfajla qed titfarfar li bdiet tiskopri lilha nfisha u għall-ewwel darba issa bdiet toħroġ waħedha, u mhux iżjed m'ommha, għax rajha f'idejha.

Kien żmien ta' żvilupp u l-Ġiljaniżi daħlu għalih b'entużjażmu. Grupp ta' Ġiljaniżi intrapprendenti raw kif għamlu biex jinġabru l-fondi meħtieġa għat-tisbiħ tal-knisja u fost l-opri importanti li saru ġiet ikkommisjonata minn għand l-istatwarju Senglean magħruf Karlu Darmanin, statwa xierqa tal-Qaddis protettur, San Ġiljan, standard imdawwal ta' l-identità Ġiljaniża. Kien żmien li jimmerita ċelebrazzjonijiet u l-festi bdew ifaqqsu. Fil-Knisja ta' Lapsi kienet diġà tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Marija fil-15 ta' Awissu bil-festi esterni jinkludu ġostra u filgħaxija logħob tan-nar u mixegħla f'diversi toroq. Il-Palazz Spinola, li għal xi żmien kien ukoll il-villa

tal-villeġġjatura tal-Ġiżwiti, kienu jixegħluh sew għall-okkażjoni. Ma kienux jonqsu l-baned u ġieli daqqew tliet baned, bħal fis-sena 1877, meta kien hawn in-*Nazionale Vincitrice* u dawk tal-Furjana u ta' Birkirkara, li kienu ġibdu għadd kbir ta' nies. Fil-Knisja tal-Karmnu ukoll bdiet issir il-festa, fl-aħħar ta' Lulju u fil-baħar quddiem il-knisja - għala le - bdiet issir il-ġostra kif ukoll ir-regatta bid-dgħajjes, barra baned, logħob tan-nar u l-mixegħla tal-knisja u tad-djar fil-qrib; insomma, dak kollu li jagħmel festa Maltija.

Għalkemm il-festa ta' San Ġiljan fil-kalendarju liturġiku taħbat fix-xitwa, fis-27 ta' Jannar, issa bdiet tiġi ċċelebrata ukoll fis-sajf, fl-aħħar Ħadd ta' Awissu, biex it-temp żgur ikun jippermetti. Sa mill-bidu, l-elementi tal-ġostra - tant popolari - bnadar, baned, u mixegħla, barra naturalment il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġiljan, kienu dejjem preżenti. Biex niftiehmu, kif jiftakar Dun Karm Calleja fil-kitba tiegħu, il-mixegħliet dak iż-żmien ma kinux bħal tal-lum, imma 'bit-tazzi taż-żejt jew pitrolju jteptpu sakemm jinħlew jew jintfew bir-riħ' u lanqas l-isparar, għax kienu jkunu 'xi ftit maskli fil-ħruġ u fid-dħul tal-vara'.

Din l-atmosfera ta' festa Maltija f'għaxijiet fetlin sajfin fl-inħawi taż-żewġ qaliet - Tal-Karmnu fl-aħħar ta' Lulju, Santa Marija f'nofs Awissu, u San Ġiljan fl-aħħar tax-xahar - kienet tinżel għasel mal-Ġiljaniżi u l-ħafna barranin li kienu jżuru 'l San Ġiljan fis-sajf. Fl-1906, qatgħuha li jagħmlu waħda bil-kbir billi jtawlu l-istaġun tal-festi lokali b'ġimgħa oħra u jġebbduhom sat-8 ta' Settembru li, f'dik is-sena kienet għadha ma tiġix ċċelebrata bħala festa nazzjonali.

It-8 ta' Settembru fl-1906 ħabat is-Sibt u dakinhar insibuh imħabbar fil-gazzetta *The Malta Herald* li l-għada l-Ħadd, disgħa tax-xahar, waranofsinhar, fil-bajja ta' ġewwa (jiġifieri ta' Spinola), xi residenti Ġiljaniżi kienu ħadu l-brigu jorganizzaw minn buthom festa oħra. Il-programm kellu jkun varjat tassew u attraenti għax kellu jkun fih mhux biss il-banda, ir-regatta, u l-ġostra tas-soltu, imma ukoll għors sħiħ fil-baħar li l-qofol tiegħu kellu jkun tellieqa fil-baħar wara ħanżira li tkun intelqet tgħum; nistħajjel jien (għalkemm il-gazzetta ma tgħidhiex) li l-palju kien jieħdu min kien jirnexxilu jaqbad il-povra ħanżira!



***Dan ir-ritratt tal-Knisja ta' Lapsi armata għall-festa jmur lura aktar mill-1900, billi s-saqaf jidher għadu mhux impitter u għad m'hemmx in-niċeċ ta' l-istatwi.***